"Konna naħdmu bil-benjamina....vireg tal-azzar, waħda wara l-oħra. Il-benjamina biex ittaqqab biss....tagħti daqqa wara l-oħra, bl-idejn, iddawwarha...(mhux bil-mazza)...iddawwar b'idek, u tagħti skoss biha stess.

"Meta jinġabar l-ilma (il-bidwi) jqabbad ir-raddiena, jew inkella l-mutur. Ir-raddiena jqabbduha fuq l-ispiera..ikollha tubu għall-pompa;...mhux xogħol sabiħ wisq. Kienu jniżżlu xemgħa isfel...jekk ix-xemgħa ma tixgħelx, mgħandekx arja. L-ispiera tkun imħaffra minn qabel, imbagħad iħaffru il-mini, u (aħna) ntaqqbu minn ġol-mina (bil-benjamina)...Il-benjamina kienet tintuża biex taqta' l-fili fejn ikun hemm l-ilma...tagħmel iżjed minn waħda....dawk nagħmlu xi għaxra....il-fili jistgħu ikunu mimlijin bl-ilma...naqtgħu kontra l-fili, biex jista' jinġabar l-ilma. Patri Grima kien bdihom...kien Malta...kien ġieb l-ewwel waħda.(2) Li hawn jużawhom, imma issa jużaw (aktar) il-magni."

---

(1) Mikiel Galea, Xagħra, Għawdex; kellimtu fuq it-telefon 23 Novembru 1995.
(2) Il-kelliemi ma kellux aktar informazzjoni dwar dan il-Patri, iżda għandi naħseb li dan kien Patri Odorik Grima (1889-1964).

---

**Il-Kumitat tal-Għaqda Maltija Tal-Folklor għas-Sena 1995**

| | |
|---|---|
| **President:** | Guido Lanfranco |
| **Viċi President:** | Jos. Buontempo |
| **Segretarju:** | Alfred Fenech |
| | (Indirizz: "Grezz" Triq id-Dirsa, H'Attard) |
| **Assistent Segr.:** | Angelo Dougall |
| **Teżorier:** | J.F.Porsella-Flores |
| | (Indirizz: 69, Triq il-Palma, Paola) |
| **Assistent Też.:** | Alfred Mallia |
| **Membri:** | Gerald Cacciattolo |
| | Joseph Fenech |
| | Marija Pisani |
| **Editur:** | Guido Lanfranco |

---